MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 73/2009

**Audrey Ferriggi**

**vs**

**Jefrin Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-2 ta' Marzu tas-sena 2009 li permezz tieghu r-rikorrenti Audrey Ferriggi sejhet lill-intimat Jefrin Grech quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta' sitt elef hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,522.25) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-

Onorabbli Qorti, rapprezentanti hlas ta' manteniment dovut mill-intimat lir-rikorrenti ghat-tlett (3) ulied minuri tal-partijiet u dan, ai termini ta' Digriet datat 3 t'Ottubru tas-sena 2006 moghti mill-Onorabbli Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja), fl-atti tal-kawza fl-istess ismijiet bin-numru ta' referenza 403/04 NC, u dan bir-rata ta' erba' mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) fix-xahar ghall-perjodu bejn Dicembru 2007 sa Frar 2009;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni, u tal-imghax legali mid-data tal-prezenti;

Tirrilleva li nonostante debitament notifikat l-intimat baqa' kontumaci u mhux biss, izda li ghalkemm giet rizervata udjenza appozita biex ikun xorta wahda jista' jressaq il-versjoni tieghu, baqa' ma deherx;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet involuti f'din il-procedura kellhom relazzjoni sentimentali li minnha ggeneraw tlett (3) itfal;

2. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata t-3 t'Ottubru tas-sena 2006, l-intimat Grech kien gie ordnat biex ihallas il-manteniment ta' mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0) ekwivalenti ghall-erba' mija u hamsa u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€465.88), fix-xahar lill-imsemmija rikorrenti;

3. Illi l-intimat ghamel zmien ihallas l-imsemmija retta alimentari pero' mit-22 ta' Dicembru tas-sena 2007 interrompa dan il-pagament mensili minnu dovut;

4. Illi di piu`, jidher li kellu wkoll l-ardir jinforma lir-rikorrenti li ma riedx ihallas il-manteniment kurjalment fuqu impost ghaliex isostni li ma jibza' minn hadd;

5. Illi l-posizzjoni tar-rikorrenti ma nbidlitx mid-data li kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-fatt li l-versjoni tar-rikorrenti ma gietx kontradetta nonostante l-opportunitajiet li l-intimat kellu biex jikkonfutaha - kemm wara d-debita notifika tar-rikors promtour, kif ukoll wara li nghata l-possibilita' li jipproduci x-xhieda fir-rigward - dan ma jhalli l-ebda dubju lil din il-qorti li hi allura obbligata tistrieh kompletament fuq il-provi sottomessi quddiemha, u allura, tqis li r-rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti, talkkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Jefrin Grech ghandu jaghti s-somma ta' sitt elef hames mija tnejn u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,522.25) lir-rikorrenti Audrey Ferriggi ;

2. Tikkundanna lill-imsemmi intimat Grech biex ihallas is-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija rikorrenti Ferriggi;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------